MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 891/2013

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.,**
**bhala mandatarju specjali ta' Wella GmbH,**
**socjeta' estera nkorporata taht il-ligijiet tal-Germanja**
**u**
**b'indirizz ta' Sulzbacher Str. 40, 65824**
**Schwalbach am Taunus, Germanja**

**vs**

**Dr. Dorianne Vella u P.L. Victor J. Bugeja**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lil**
**GUANGDONG GUANGZHOU OVERSEAS**
**CO.,LIMITED, entita' estera b'indikazzjoni ta'**
**indirizz ta' "4/F.,INTERPRISE BUILDING,228-238**
**QUEEN'S ROAD CENTRAL., HONG KONG"**
**b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2013; u**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Hilda Ellul Mercer**

**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil SARL FAHINA IMPORT/EXPORT, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "CITE ALI SADEK RUE N: 240 LOT 01, BORDJ EL KIFFAN 16120 ALGER ALGERIE", fl-Algerija b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-17 ta' Settembru 2013 li jghid hekk:

1. illi s-socjeta attrici, maghrufa sew in konnessjoni ma' prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar tal-markji "WELLA" u, jew profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara, u markji ohrajn relatati, hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju taghha;

2. illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-trademarks taghha "WELLA" u, jew profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara, u ohrajn relatati;

3. illi fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati f'isimha bhala trademarks, it-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri ta' registrazzjoni 003988193 - "WELLA" [kelma, b'effett f'Malta mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004)], 000874362 - rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara [figurativa, b'effett f'Malta mill-ewwel (I) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], u 003988581 - "WELLA" u rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara [figurattiva, b'effett f'Malta mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004)], u dawn kollha dwar prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar fost ohrajn, Inoltri u fost ohrajn ukoll, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrat f'Malta bhala trademark, it-trademark figurattiv numru 13659 ["WELLA" u rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara, b'effett mill-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena

elf disa' mija tmienja u sebghin (1978)], u dan dwar prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar fost ohrajn;

4. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu "a" u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414, b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz (fost ohrajn);

5. illi recentement, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-container TGHU 8627859 kontenenti kwantita ta' prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom trademarks "WELLA" oltre ghal rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara bhal dawk tat-trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici kif hawn qabel indikat, liema oggetti kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura doganali ta' trasbord (transhipment), mibghuta mill-ewwel konvenuta GUANGDONG GUANGZHOU OVERSEAS CO.,LIMITED w in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur it-tieni konvenuta SARL FAHINA IMPORT/EXPORT. Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba in kwistjoni fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) ai termini tal-procedura li wasslet ghal din l-azzjoni civili gudizzjarja u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat DRAFT BILL OF LADING fejn, fil-kaxxa relattiva ghax-shipper / parti li qed tibghat hemm indikata GUANGDONG GUANGZHOU OVERSEAS CO.,LIMITED, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' 4/F.,INTERPRISE

BUILDING,228-238 QUEEN'S ROAD CENTRAL., HONG KONG, filwaqt li bhala consignee / importatrici hemm indikata SARL FAHINA IMPORT/EXPORT, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' CITE ALI SADEK RUE N: 240 LOT 01, BORDJ EL KIFFAN 16120 ALGER ALGERIE, fl-Algerija;

7. illi effettivament allura, l-oggetti Ikoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox "1482 il-kaxxa b'total ta' 124,992 (mija, erba' u ghoxrin elf, disa' mija tnejn u disghin) pakkett b'zewg stoccijiet kull wahda", jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi inter alia fejn fil-gurisdizzjoni minn fejn operat ix-shipper estera konvenuta (Hong Kong), fil-pajjiz minn fejn l-oggetti mertu ta' din il-vertenza ntbaghtu (Cina), kif ukoll fil-pajjiz fejn kellhom jaslu (Algerija), hemm protezzjoni b'trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici dwar "WELLA" u, jew dwar rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara u, jew dwar "WELLASTRATE", inter alia dwar prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar;

8. illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

9. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom

trademarks "WELLA" oltre ghal rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container immarkat "TGHU 8627859" kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tnehhija tal-iskart generat mill-istess distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil Guangdong Guangzhou Overseas Co.,Limited tal-20 ta’ Dicembru 2013 fejn ecceppew:
Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti, u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta intimata minnhom rapprezentata u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-

rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mas-socjeta intimata.

Salv risposta ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil Sarl Fahina Import/Export tas-7 ta' Jannar 2014 fejn ecceppew:

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri.

2. Salv risposta ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki "WELLA" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 003988193, 000874362, u 003988581 u dak f'Malta bin-numru 13659.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b'affidavit ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. H fol. 52) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru TGHU 8627859 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'1482-il kaxxa b'total ta' 124,992 (mija, erba' u ghoxrin elf, disa' mija tnejn u disghin) pakkett b'zewg stoccijiet kull wahda bil-marki tas-socjeta attrici u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM FIDELIO fis-16 ta' Awwissu 2013 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fid-19 ta' Awwissu 2013 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lil konvenuti (Dok. LAS01 fol. 349, cioe affidavit ta' Elizabeth M. Rutherford, rapprezentanta tas-socjeta attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 12 ta' Settembru 2013 (Dok. H fol. 52).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' prodotti ta' hair lotions / kura tax-xaghar (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom trademarks "WELLA" oltre ghal rapprezentazzjoni partikolari ta' profil ta' ras (bix-xaghar) ta' mara u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container immarkat "TGHU 8627859" kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tordna lil konvenuti ghandhom ihallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tnehhija tal-iskart generat mill-istess distruzzjoni kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana a fol. 53;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------